Minuti tal-Laqgħa Nru. 7 tal-Ħames Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 25 ta' Settembru 2007 fit-3.00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Is-Sur Joseph Piscopo A.Mus.L.C.M.<br>Is-Sinjura Lucia Massa |
| **L-Uffiċjali:**<br>Is-Segretarju Eżek. | Is-Sur Michael Borg |
| **Skużati:** | Dr Frank Psaila<br>Is-Sur Joseph Camilleri |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenzi għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. Mozzjonijiet
5. Ħlasijiet

LUQA

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru 6 li, peress li ma kienx hemm emendi għalihom, ġew approvati fuq mozzjoni tal-Viċi Sindku Joseph Scicluna ssekondata mis-Sinjura Luċia Massa.

## 2. REFERENZI GĦALL-MINUTI

2.1 Riferenzi għall-Minuti ma kienx hemm.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku ta resume' tal-korrispondenza kollha li daħlet sal-25 ta' Settembru 2007, fosthom :

a) Ittra mill-Kappillan ta' Ħal Luqa li, wara li rrefera lill-Kanċellier tal-Kurja t-talba tal-Kunsill Lokali biex il-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra propost għal Triq id-9 ta' April isir fuq biċċa konkos li hemm biswit il-ġenb tal-Knisja Parrokkjali, il-Kurja tat il-permess biex dan isir fejn propost peress li dik il-kantuniera konkos m'hix tal-Knisja . Il-Permess ingħata wkoll bil-kundizzjoni li ma jitqatta' xejn mill-konkos eżistenti u li l-Monument ma jisserraħx mal-ġenb tal-Knisja.

b) ittra mingħand is-Sur Anthony Micallef li titlob biex jitneħħew il-bank u l-kaxxa tal-posta li hemm fi Triq Indri Micallef k/m Triq Censu Decandia peress li l-arja ta' fuq il-garaxxijiet ta' fejn jinsabu (il-bank u l-kaxxa ta' l-ittri) se tinbena dalwaqt.

c) ittra mill-AKL dwar il-Ġimgħa ta' Demokrazija Lokali li tħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali jorganizzaw attivitajiet li f'Malta se jibdew fit-12 ta' Ottubru u jkomplu matul Novembru.

d) ittra mill-AKL li tistieden lill-Kunsillieri tal-Partit Nazzjonalista sabiex jieħdu sehem f'konferenza li se ssir f'Malta fis-26 ta' Ottubru 2007 mill-Grupp tal-Partit Popolari Ewropew fil-Kumitat tar-Reġjuni.

e) ittra mill-AKL li tistieden lill-Kunsillieri kollha għal laqgħa li se ssir għalihom nhar is-Sibt, 6 ta' Ottubru 2007.

f) ittra mis-Sindku tal-Muniċipalita' ta' Fiumiċino, l-Italja, li tistieden delegazzjoni mill-Kunsill Lokali Luqa biex tieħu sehem f'Konferenza biex jiġi mfakkar il-Ħamsin Anniversarju tat-Trattat ta' Ruma. L-ittra tistieden wkoll lill-Kunsill biex, jekk jilħqu jaslu d-dokumenti meħtieġa mill-awtoritajiet ċentrali taż-żewġ pajjiżi, f'dik l-okkazzjoni wkoll tal-Konferenza jiġi finalizzat uffiċjalment il-ġemellaġġ bejn iż-żewġ naħat.

- Ġiet wkoll innotata l-korrispondenza kollha li daħlet mill-MEPA wara li din giet ivverifikata mis-Sur Victor Caruana fl-assenza ta' Dr Psaila.

- Wara, is-Sur Victor Caruana ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-ħtieġa li ċ-ċimiterji, speċjalment dak ta' Triq Valletta, jiġu mnaddfa.

- Is-Sur Caruana ġibed ukoll l-attenzjoni biex iż-*Żebra Crossing* li hemm quddiem l-Iskola Primarja u li jispara dritt għal ġol-ħanut li hemm, jiġi mċaqlaq ftit. Qal ukoll li hemmhekk m'hemmx lok għal tabella ta' *Un/loading* għax ikun qed jingħata ċans lil min jabbuża biex jibqa' pparkjat hemmhekk.

- Is-Sur Joe Piscopo staqsa x'ġara mit-*Time-Zone Area* li kien approva l-Kunsill għal Triq Ganni Vassallo. Dwar dan, is-Sur Victor Caruana li kien inkarigat mis-suġġett, qal li l-ADT kienet issuġġeriet li naħa tat-triq isir *'For Residents Only'* u n-naħa l-oħra tat-triq issir biex fiha jipparkja min irid. Imma issa sta għall-Kunsill biex jiddeċiedi x'irid jagħmel. Wara diskussjoni fuq is-suġġett, ġie deċiż li ssir żjara fuq il-post mis-Sinjuri Victor Caruana u Joe Piscopo biex jaraw x'jista jsir ħalli tittieħed deċiżjoni.

## 4. MOZZJONIJIET

4.1 Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Luċia Massa u ssekondata mill-Viċi Sindku Joseph Scicluna tgħid li : **l-Kunsill japprova li tiġi organizzata ħarġa għall-Baħrija fl-okkazzjoni tal-Festa ta' San Martin.**

4.1.i Wara ntervent qasir mis-Sinjura Massa, il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni.

## 5. ĦLASIJIET

5.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sal-25 ta' Settembru 2007 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

- Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, fl-4.00 p.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa bħala magħluqa.

➢ Konfermati llum <u>30</u> ta' Ottubru 2007.

____________________ ____________________

John Schembri — Sindku

Michael Borg — Segretarju Eżekuttiv